# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1199/2021 (AD)**

## RMB MANAGEMENT LIMITED (C 53359)

**vs**

## KUMMISSARJU TAT-TAXXI

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sbatax (17) ta' Ġunju 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza *in parte*** **limitatament** rigward l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, illi permezz tagħha jikkontendi illi l-azzjoni ta' jattanza ttentata mis-soċjeta' attriċi hija preskritta bit-terminu ta' sena, hekk kif indikat fl-Artikolu 403 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors ġuramentat preżentat nhar is-sitta (6) ta' Diċembru 2021, is-soċjeta' rikorrenti spjegat illi hija kienet tipprovdi s-servizz li taġixxi bħala

Direttur għall-kumpanija privata ULL23922 Limited sat-3 ta' Mejju 2013, liema servizz kien jinkludi s-sottomissjoni tad-denunzja tal-VAT flimkien mal-ħlas dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi ai termini tal-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġara, iżda, illi l-azzjonisti tal-kumpanija ULL23922 Limited naqsu milli jgħaddulha l-informazzjoni neċessarja sabiex is-soċjeta' rikorrenti tippreżenta d-denunzja relattiva, b'dana illi kien impossibbli għas-soċjeta' rikorrenti illi tissottometti d-denunzja fit-terminu lilha konċess, u cioe sal-15 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti tat ir-riżenja tagħha minn Direttur ta' ULL23922 Limited fit-3 ta' Mejju 2013;

3. Eventwalment, il-Kummissarju tat-Taxxi pproċeda kriminalment kontra s-Sur Reuben Buttigieg minħabba illi d-denunzja ma ġietx sottomessa, iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza tagħha *Il-Pulizija vs Reuben Buttigieg*, mogħtija fis-7 ta' Marzu 2018, ħelset lill-istess Reuben Buttigieg minn kull ħtija;

4. Madanakollu, minkejja dis-sentenza, fit-13 ta' Novembru 2020, is-soċjeta' rikorrenti rċeviet ittra mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi bi twissija sabiex jitħallas l-ammont ta' VAT pendenti għan-nom tas-soċjeta' ULL23922 Limited, liema bilanċ jammonta għas-somma ta' €859,444. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti ntavolat ir-rikors odjern, illi permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti: (a) tistabilixxi żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur biex fih l-intimat iġib b'kawża dik il-pretensjoni; u (b) fin-nuqqas li l-intimat josserva t-terminu hekk indikat u lilu prefiss, timponi skiet perpetwu;

5. Mill-banda l-oħra, il-Kummissarju tat-Taxxi intimat ressaq diversi eċċezzjonijiet, fosthom eċċezzjoni preliminari fis-sens illi l-azzjoni ta' jattanza ttentata mis-soċjeta' attriċi hija preskritta bit-terminu ta' sena kif indikat fl-Artikolu 403 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan peress li l-kawża odjerna ġiet ippreżentata fis-6 ta' Diċembru 2021, filwaqt illi l-avviż għall-ħlas tat-taxxa dovuta (maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi a bażi tal-Artikolu 50 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta) ġie riċevut mis-soċjeta' attriċi

nhar it-13 ta' Novembru 2020, u cioe aktar minn sena qabel l-intavolar ta' din il-kawża;

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet, inkluż id-dokumenti magħhom annessi;

7. Rat illi waqt is-seduta tal-21 t'April 2022 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi in kwantu jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Kummissarju intimat;

9. Rat illi waqt is-seduta tal-21 t'April 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Kummissarju intimat għas-seduta tal-lum;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

11. L-azzjoni ttentata mis-soċjeta' rikorrenti hija l-azzjoni ta' jattanza, stabbilita fl-**Artikolu 403 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**:

> *403. Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni.*

12. Jirriżulta għalhekk stabbilit mil-liġi stess illi l-azzjoni ta' jattanza għandha tinġieb fi żmien sena mill-pretensjoni, u huwa dwar dan il-punt illi ġiet sollevata l-eċċezzjoni preliminari mertu ta' dan il-provvediment;

13. Fuq naħa waħda, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni qiegħed isostni illi, peress illi l-avviż għall-ħlas tat-taxxa dovuta ġie riċevut mis-soċjeta' attriċi nhar it-13 ta' Novembru 2020, u l-kawża odjerna ġiet preżentata fis-6 ta' Diċembru 2021, it-terminu ta' sena illi fih is-soċjeta' attriċi setgħet tintavola azzjoni ta' jattanza kien għadda, bil-konsegwenza illi l-azzjoni attriċi hija preskritta;

14. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' attriċi ssostni illi f'nofs il-perjodu, u cioe seba' xhur wara t-13 ta' Novembru 2020, hija ppreżentat protest ġudizzjarju illi kellu jinterrompi l-preskrizzjoni ta' dik is-sena;

15. Ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Josephine Micallef vs Chairman Awtorita tad-Djar***[1] illi, *"[...] [K]if tistabbilixxi l-liġi stess, din l-azzjoni trid tiġi eżerċitata fi żmien sena minn meta ssir il-pretensjoni. Dan huwa perjodu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni."* Dan il-punt ġie elaborat f'aktar dettall mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet ***Mario Pickard vs Grace Anderson***[2]:

> *Qabel xejn, irid jiġi deċiż jekk dak it-terminu ta' sena huwiex terminu ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza. Kif ġie osservat minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* **The Cargo Handling Co Ltd v. John Abela Ltd,** *deċiża fis-7 ta' Lulju, 2003,*
>
> > *"Kif enunċjat fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***"Giuseppe Sammut – vs – Notaro Edoardo***

[1] Rik Nru 1001/2011, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Toni Abela, 7 ta' Lulju 2017 (in ġudikat)
[2] Appell Ċivili Nru 1064/2008/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 25 ta' Novembru 2011

> ***Pellegrini Petit"**, Appell Ċivili, 16 ta' Jannar 1920 (Vol XXIV pl p 276): "quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anziche di prescrizione, e' termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu' ammissibile. La dottrina pone il criterio distintivo in cio' che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si trattera' di una decadenza"."*

> *It-terminu, f'dan il-każ, jippreskrivi żmien li fih l-att ikun irid jiġi kompju. Jgħid, fil-fatt, li l-parti li trid teħles mill-pretensjoni "tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd ...". Hu ċar li l-liġi trid li l-azzjoni titressaq fi żmien sena, u bħala tali hu terminu perentorju jew ta' dekadenza.*

16. Fuq l-istess binarju ġiet deċiża wkoll is-sentenza fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Camilleri et vs Joseph Zammit***[3], fejn din il-Qorti kif diversement presjeduta għamlet referenza estensiva għal dak illi kien ġie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Baldacchino et vs J. J. S. Developers Limited et***[4], u qalet:

> *[...] B'żieda ma' dan l-azzjoni attriċi tfalli wkoll għax almenu minn Mejju 2017 kienu jafu bil-pretensjoni tal-konvenut tant li għamlu oġġezzjoni għall-applikazzjoni ta'*

[3] Rik Ġur Nru 96/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti, 25 ta' Frar 2021 (in ġudikat)
[4] Rik Nru 1180/2007, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor. Joseph R. Micallef, 30 ta' Ġunju 2016

*żvilupp u l-kawża saret biss f'Jannar 2019, oltre s-sena preskritta mil-liġi għal azzjoni simili. Hi l-fehma tal-Qorti kif ribadita fis-sentenza fuq imsemmija ta'* ***Baldacchino*** *li dan hu perjodu ta' dekadenza mhux perjodu ta' preskrizzjoni. L-insenjament f'dik is-sentenza hu li ġej u hu dak li din il-Qorti temmen li għandha tkun l-applikazzjoni konsistenti ma' dak li ried il-leġislatur. Fis-sentenza* ***Baldacchino*** *l-Qorti qalet hekk:*

> *Illi din il-Qorti f'dan l-istadju tqis xieraq li terġa' ttenni li taf li f'xi ċirkostanzi oħrajn ġie deċiż li azzjoni ta' jattanza kienet magħmula sewwa minkejja li l-ewwel millantazzjoni kienet saret minn tal-anqas tliet snin qabel l-att ġudizzjarju li tenna l-"ftaħira" (Parnis vs Parnis, P.A. NVA 14.7.1999, mhix pubblikata). Tagħraf ukoll li hemm xi deċiżjonijiet li jqisu li r-ripetizzjoni min-naħa tal-millantant tal-istess pretensjoni taf toqtol iż-żmien li fih l-azzjoni tal-jattanza tista' ssir (AIC Joseph Barbara et vs Joseph Bonett, App. Civ. 28.11.2008). Iżda l-Qorti ma temminx li dak hu li ried il-leġislatur u terġa' tqis li ż-żmien imsemmi fil-liġi ma huwiex terminu ta' preskrizzjoni, imma wieħed ta' dekadenza (Mario Pickard vs Grace Anderson, App. Ċiv. 25.11.2011), għalkemm tqis ukoll li kemm il-preskrizzjoni u kif ukoll l-istitut tal-jattanza għandhom xebħ u għanijiet li jaqblu ma' xulxin (Ara Schembri & Sons Ltd vs Carmelo Abdilla & Sons Ltd, P.A. LM 24.3.2015, in parte). Iżda kieku ż-żmien ta' sena jista' jiġġedded kull darba li persuna tirċievi kont, ma jagħmel l-ebda sens li l-artikolu 403 ikollu dak it-terminu għaliex*

> *dejjem hemm il-possibilita' li 'l quddiem għad jasal kont ieħor u jerġa' jibda għaddej iż-żmien mill-ġdid. Ġaladarba l-leġislatur Malti għażel li jimponi dan it-terminu ta' sena, ifisser li ried jillimita drastikament it-terminu li fih tista' ssir il-kawża ta' millantazzjoni (Grima vs Caffary, P.A. 14.2.1952, Kollez. Vol: XXXVI.i.632). Kieku ried mod ieħor, ma kien jimponi l-ebda terminu, l-istess bħalma sar f'Kodiċijiet barranin taħt sistemi oħrajn tal-liġi (Ara, b'eżempju, art 278 sa 284 tal-Codice Estense tal-1852 u art. 905-907 tal-Codice di Procedura Civile Per gli Stati di S s I R S gn tal-1959).*

17. Filwaqt illi huwa minnu illi sentenzi oħra dwar l-istess eċċezzjoni ġew deċiżi fis-sens illi t-terminu ta' sena huwa wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u illi d-dritt t'azzjoni jista' jiġi riakkwistat[5], din il-Qorti hija aktar inklinata lejn il-fehma tal-Qrati Maltin fil-ġurisprudenza suċitata, b'dana illi hija tal-fehma illi t-terminu ta' sena stabbilit fl-Artikolu 403 tal-Kap 12 huwa wieħed ta' **dekadenza** u **mhux preskrittiv**. Quindi l-azzjoni ta' jattanza, fil-fehma ta' din il-Qorti, għandha tiġi intavolata fi żmien sena mill-ewwel millantazzjoni ossia pretensjoni, u l-att ġudizzjarju ma jservix sabiex iwaqqaf u jerġa' jibda jiddekorri l-istess terminu;

18. Din il-Qorti tosserva illi milli atti jirriżulta b'mod ċar illi l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi ġiet indikata fl-ittra spedita kemm lis-Sur Reuben Buttigieg kif ukoll lis-soċjeta' rikorrenti, datata tlettax (13) ta' Novembru 2020, u lilhom notifikata fis-26 ta' Novembru 2020 u 15 ta' Novembru 2020 rispettivament[6]. Ir-rikors ġuramentat illi permezz tiegħu ġiet intavolata l-

[5] Vide Appell Ċivili Nru 1209/2005/1, ***AIC Joseph Barbara et vs Joseph Bonett***, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Novembru 2008 u Appell Ċivili Nru 55/2008/1, ***L-Avukat Dotor Kevin F. Dingli noe vs Rebecca Bisazza et***, Qorti tal-Appell (Superjuri), 18 ta' Diċembru 2009

[6] Vide l-affidavit ta' **Joseph Attard** a fol 55 tal-proċess, u **Dok A** anness mal-istess affidavit a fol 56 *et seq* tal-proċess

kawża odjerna ġie ppreżentat fis-6 ta' Diċembru 2021, u cioe aktar minn sena wara illi s-soċjeta' rikorrenti ġiet a konoxxenza tal-pretensjoni tal-Kummissarju intimat;

19. Konsegwentement, tenut kont tal-premess, din il-Qorti tqis illi l-azzjoni tas-soċjeta' attriċi hija perenta u ma tistax tirnexxi.

**Decide**

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad</u>** it-talbiet attriċi stante li l-azzjoni ma saritx fit-terminu prefiss mil-liġi.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-soċjeta' RMB Management Limited.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**